DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 8 ta' Jannar 2015

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 012/2015

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat
Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Il-Kors fil-Qari tal-Provi bil-Malti – Offrut f'Malta u f'Għawdex

---

Ix-xahar id-dieħel (Frar 2015), id-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti se jiftħu l-għaxar kors fil-qari tal-provi bil-Malti. Għal sena oħra, dan il-kors se jkun offrut kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Il-kors hu twil sena u l-lezzjonijiet tiegħu jsiru darbtejn fil-ġimgħa:

**F'Malta:** l-Università (l-Imsida), nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis, mill-5.30pm sat-8.30pm.

**F'Għawdex:** l-Università (ix-Xewkija), nhar ta' Ġimgħa mill-5pm sad-9pm u nhar ta' Sibt mit-8.00am sa 12.00pm. Il-kors jerġa' jiftaħ f'Għawdex jekk jintlaħaq in-numru minimu ta' applikanti eliġibbli. Għalhekk inħeġġu ħafna lill-għalliema u lill-uffiċjali li jaħdmu fl-amministrazzjoni tal-iskejjel f'Għawdex biex jaħtfu din l-opportunità li jaġġornaw ruħhom fil-kitba bil-Malti, f'Għawdex stess, u japplikaw.

Il-kors, minbarra li jħarrġek u jgħinek tirrevedi l-grammatika u l-ortografija tal-Malti biex tirfina l-kitba tiegħek bil-Malti, jagħtik ukoll iċ-ċans li tiddiskuti u tifhem aħjar ir-regoli tal-kitba tal-Malti. Għal dan il-għan jinkludi kemm lezzjonijiet prattiċi ta' korrezzjoni, kif ukoll sessjonijiet fuq il-kitba u t-tiswija tal-Malti bil-kompjuter.

Huwa kors imfittex ħafna minn dawk li jużaw il-Malti f'xogħolhom u fil-pubblikazzjonijiet, bħalma huma l-ħaddiema tal-kunsilli lokali u tal-parroċċi, l-impjegati taċ-Ċivil u tas-settur Privat, l-għalliema tal-Malti u mhux, dawk li jaħdmu fl-istamperiji, ix-xandara u l-ġurnalisti (gazzetti, internet u televixin), it-tradutturi, u kull min jixtieq jikteb il-Malti bla żbalji.

**L-applikazzjonijiet fetħu diġà u jibqgħu jintlaqgħu sal-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2015. Il-formola tal-applikazzjoni timtela u tintbagħat mis-sit tal-Università (www.um.edu.mt/apply).**

Ma' din iċ-ċirkulari ssibu wkoll il-ktejjeb bit-tagħrif kollu fuq il-kors. Tagħrif ieħor fuqu u fuq l-applikazzjoni ssibuh mis-sit tal-kors www.um.edu.mt/arts/malti/avvizi/cqp jew billi tiktbu direttament lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti: kunsilltalmalti@gov.mt

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**